MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 559/2002/1

**Rikors Nru: 559/02 JA**

**Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Philip Morris Products S.A.**

**-vs-**

**Dr. Richard Sladden u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Tasharikia La Shaz Imp-Exp tal-Libya-Misrata.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta’ Mejju, 2002, li permezz tieghu l-attur noe ppremetta;

Illi l-kumpannija attrici Philip Morris Products S.A. ta’ l-Isvizzera hija propjetarja tal-marka tas-sigaretti “MARLBORO” kif wkoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument “A”, id-Dokument “B” u d-Dokument “C”;

Illi s-socjeta’ attrici hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess kelma “MARLBORO” u s-sinjali distintivi fil-komplessita taghhom registrati f’ Malta tahhat *Trademark No. 5789* (kif muri f’ Dok “A”), *Trademark No. 790* (kif muri f’ Dok “B”) u *Trademark No.16670* (kif muri f’ Dok “C”) fir-Registru tal-Markji, ai termini tal-Artilu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprejeta’ Intellettwali (Mizui Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi jirizulta mill-Polza a’ Kargu Numru SHZ020951, li l-konsenjataji tal-konsenja in kwistjoni huma Tashaikia La Shaz Imp-Exp, Libja – Misrata, mentri d-dettalji tax-*Shipper* huma Shenzhen Xuyuan Industry Company Limited;

Illi jirrizulta li l-konsenja in kwistjoni ddahhlet gewwa Malta fl-24 t’ April 2002 fuq il-vapur “Ville De Mimosa”, u/jew giet impotata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, fejn l-imsemmija konsenja ta’ sigaretti tikkonsisti f’ seba’ mija u tmenin (780) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b’ *Container* Nru. **ITLU 7503500** bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap. 414;

Illi dawn is-sigaetti in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ propjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i) u (iii), tal-Kap.414, li favur taghha huma rregistrati l-markji u distintivi “Marlboro”, billi instab illi dawn l-istess sigareti huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta’ attrici (ara rapport ta’ analizi mmarkat bhala Dokument “D”);

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temproaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap.414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi din il-konsenja ta’ sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-‘New Port Bonded Stores’, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkaa bhala Dok “F”);

Tghid ghalhekk il-kumpannija konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjea’ intellettwali tas-socjeta’ attici fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-numri 789, 5790 u 16670 tal-Markji “MARLBORO” u/jew s-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *Trademarks;*

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul ewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja sigaretti ffalsifikati li tikkonsisti f’ seba’ mija u tmenin kaxxa *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta’ Intellettwali (Mizuri Intra konfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez ta’, is-socjeta’ konvenuta skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk l-ispejjes kollha tad-Dwana fir-rigwad tal-hazna u distruzzjoni tas-sigareti in kwistjoni, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kuraturi Deputati pprezentata fit-13 t' Awissu, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdu l-eccezzjonijiet tahhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tal-konvenuti Kuraturi Deputati;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur nomine;

Rat li l-konvenuti ma ressqux provi;

Semghet l-Avukat ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Ghalhekk tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur nomine kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u**

**tordna ghall-fini tar-raba' talba illi l-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni fi zmien hmistax il-guranata millum.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------